31999R2424

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) nru 2424/1999
tal-15 ta' Novembru 1999
li jistabbilixxi regoli dettalljati ta' applikazzjoni għal kwota ta' tariffa għall-importazzjoni ta' ċanga mnixxfa mingħajr għadam stabilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2249/1999

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal Kunsill (KE) Nru 2249/1999 tat– 22 ta' Ottubru 1999 li jiftaħ kwota ta' tariffa għall-importazzjoni tal-laħam tal-annimali bovini, mingħajr għadam, imnixxef [1], u speċjalment l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2249/1999 jiddisponi għall-ftuħ ta' kwota ta' tariffa ta' importazzjoni ta' 700 tunnellata metrika ta' ċanga mnixxfa minghajr għadam; għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati tal-applikazzjoni ta' dik il-kwota;

(2) il-kwota in kwistjoni kienet konnessa ma' ċanga li hi skond il-kodiċi NM ex 0210 20 90; għandha tingħata definizzjoni eżatta tal-prodotti eliġibbli; għal raġunijiet ta' kontroll, oġġetti mportati skond dik il-kwota għandhom jippreżentaw ċertifikat ta' awtenticità li jattesta li l-laħam jaqbel eżatt mad-definizzjoni eliġibbli; jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell għal dawk iċ-ċertifikati u jiġu stabbiliti regoli għall-użu tagħhom;

(3) l-arranġamenti għall-importazzjoni għandhom jiġu mmaniġġati bl-użu ta' liċenzi tal-importazzjoni; għal dan il-għan għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar id-dħul ta' applikazzjonijiet u t-tagħrif li għandu jingħata fuq l-applikazzjonijiet u l-liċenzi, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati li jiffissaw minn qabel għall-prodotti tal-biedja [2], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1127/1999 [3], u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli ta' applikazzjoni għal liċenzi ta' mportazzjoni w esportazzjoni tas-settur taċ-ċanga u tal-vitella u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [4], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2648/98 [5];

(4) biex jiġi żgurat l-immaniġġar tajjeb tal-importazzjoni tal-prodotti in kwistjoni, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex jinħarġu liċenzi għall-importazzjoni wara verifika, speċjalment ta' dak li jinkiteb fiċ-ċertifikati ta' awtenticità;

(5) id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2249/1999 japplikaw mill-1 ta' Lulju 1999; għalhekk, huwa xieraq li l-kwota ta' kull sena tiddisponi għall-ħlas lura tad-dażji doganali tal-oġġetti mportati eliġibbli bejn l-1 ta' Lulju u d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; in vista tal-imaniġġar ġejjieni tal-kwota jenħtieġ li jiġu jdentifikati oġġetti mportati ta' din is-sura malajr kemm jista' jkun; applikazzjonijiet għal rifużjoni għandhom għalhekk jidħlu mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 1999;

(6) il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Canga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kwota ta' tariffa tal-Komunità għall-laħam tal-bovini mingħajr għadam u mnixxfa inkluża fil-kodiċi NM ex 0210 20 90 hija b'dan miftuħa fuq bażi ta' ħafna snin għal volum ta' kull sena ta' 700 tunnellata metrika għall perijodi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

In-numru tas-serje tal-kwota għandu jkun 09.4201

2. Id-dazju ad valorem ikun l-uniku dazju doganali applikabbli skond il-kwota msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-importazzjoni skond il-kwota msemmija għandha tkun riservata għall-laħam imnixxef mingħajr għadam li jissodisfa d-definizzjoni li ġejja:

"Biċċiet tal-laħam mill-ġnub tal-annimali bovini li jkollhom għall-anqas 18 il-xahar, li m'għandhomx xaħam li jidher bejn il-muskoli (3 to 7 %) u pH ta' bejn 5,4 u 5,6; immellaħ, imħawwar, ippressat, imnixxef f'arja friska u xotta biss u li qed jiżviluppa moffa nobbli (nwar ta' fungi mikroskopiċi). Il-materjal niexef fil-prodott lest huwa bejn 41 % u 51 %."

Artikolu 2

Oġġetti mportati tal-kwantitajiet stipulati fl-Artikolu 1 jinħtieġu, meta jinħarġu biex jiċċirkolaw liberament, preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni maħruġa skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtenticità magħmul skond l-Artikoli 3 u 4 flimkien ma' kopja tiegħu għandhom jiġu preżentati lill-awtorità kompetenti flimkien ma' l-applikazzjoni għall-ewwel liċenzja ta' importazzjoni konnessa maċ-ċertifikat ta' awtenticità.

L-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtenticità għandu jinżamm mill-awtorità msemmija aktar il fuq;

[1] ĠU L 275, tas-26.10.1999, p. 2.
[2] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[3] ĠU L 135, tad-29.5.1999, p. 48.
[4] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[5] ĠU L 335, ta' l-10.12.1998, p. 39.

(b) ċertifikat ta' awtentiċità jista' jintuża' għall-ħruġ ta' aktar minn liċenza waħda għal kwantitajiet li ma jaqbżuxdawk murija fiċ-ċertifikat. Meta tinħareġ aktar minn liċenza waħda konnessa ma' ċertifikat, l-awtorità kompetenti għandha tendorsja ċ-ċertifikat ta' awtentiċità biex turi l-kwantità attribwita;

(ċ) l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzi biss wara li jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fuq iċ- ċertifikat ta' awtentiċità taqbel ma' dik li tkun waslet kull ġimgħa fuq is-suġġett mingħand il-Kummissjoni. Il-liċenzi għandhom jinħarġu mill-ewwel wara dan;

(d) it-taqsima 20 tal-applikazzjonijet għal liċenzi u tal-liċenzi nnifishom għandhom juru waħda mill- aċċertamenti li ġejjin:

— Carne de vacuno seca deshuesada — Reglamento (CE) nº 2424/1999

— Tørret udbenet oksekød — forordning (EF) nr. 2424/1999

— Entbeintes, getrocknetes Rindfleisch — Verordnung (EG) Nr. 2424/1999

— Αποξηραμένο βόειο κρέας χωρίς κόκαλα — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 2424/1999

— Dried boneless beef — Regulation (EC) No 2424/1999

— Viande bovine séchée désossée — règlement (CE) nº 2424/1999

— Carni bovine disossate ed essiccate — regolamento (CE) n. 2424/1999

— Gedroogd rundvlees zonder been — Verordening (EG) nr. 2424/1999

— Carne de bovino seca desossada — Regulamento (CE) n.º 2424/1999

— Kuivattua luutonta naudanlihaa — asetus (EY) N:o 2424/1999

— Torkat benfritt nötkött — förordning (EG) nr 2424/1999

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati ta' awtentiċità msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jinħarġu wieħed oriġinali u żewġ kopji, li għandhom jiġu stampati u kompletati f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, skond il-mudell fl-Anness I. Jista' jiġi stampat u kompletat ukoll fil-lingwa uffiċjali jew waħda mill-lingwi uffiċjali tal-pajjiż li qed jesporta.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tinxehet l-applikazzjoni jista' jitlob li jingħata traduzzjoni taċ-ċertifikat.

2. Il-forom taċ-ċertifikati għandu jkollhom qisien ta' 210 x 297 mm. Il-karta wżata m'għandhiex tiżen anqas minn 40 g/m^2. L-oriġinali għandu jkun abjad, l-ewwel kopja roża u t-tieni kopja safra.

3. L-oriġinali u l-kopji tiegħu jistgħu jkunu ttajpjati jew miktuba bl-idejn. Fil-każ ta' l-aħħar, għandhom ikunu kompletati b'linka sewda u b'ittri kbar stampati.

4. Kull ċertifikat għandu jkollu numru ta' serje tiegħu waħdu segwit bl-isem tal-pajjiż li qed joħorġu.

Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru ta' serje u l-istess isem bħall-oriġinali.

5. Id-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) għandha titniżżel ċar fiċ-ċertifikat.

6. Iċ-ċertifikati jkunu validi biss jekk ikunu endorsjati skond dak li ntqal minn xi awtorità ta' ħruġ elenkati fl-Anness II.

7. Iċ-ċertifikati jitqiesu li jkunu endorsjati skond dak li ntqal jekk isemmu d-data u l-post tal-ħruġ u jekk jkollhom it-timbru tal-awtorità li tkun qed toħroġ u l-firma tal-persuna jew persuni awtoriżżati biex jiffirmawhom.

Artikolu 4

1. L-awtorità li tkun qed toħroġ elenkata fl-Anness II għandha:

(a) tkun rikonoxxuta bħala tali mill-pajjiż esportatur interessat;

(b) timpenja ruħha li tivverifika dak li nkiteb fiċ-ċertifikati;

(ċ) timpenja ruħha li tibgħat lill-Kummissjoni għall-anqas darba kull ġimgħa kull informazzjoni li tippermetti li dak li jinkiteb fiċ-ċertifikati ta' awtentiċità, speċjalment in-numru taċ-ċertifikat, l-esportatur, min jirċievi, il- pajjiż tal-wasla, il-prodott, il-piż nett u d-data tal-firma, jkunu verifikati.

2. Il-lista fl-Anness II tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fejn il-kundizzjoni mitluba msemmija fil-paragrafu 1(a) m'għadhiex tiġi sodisfatta jew fejn l-awtorità tal-ħruġ tonqos milli tissodisfa xi waħda mill-obbligazzjonijiet li jappartjenu lilha.

Artikolu 5

Iċ-ċertifikati ta' awtentiċità u l-liċenzji tal-importazzjoni jibqgħu validi għal tlett xhur mid-dati rispettivi tal-ħruġ. Iżda, il-perijodu ta' validità jintemm fit-30 ta' Ġunju wara d-data tal-ħruġ.

Artikolu 6

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KEE) Nru 3719/88 u (KE) Nru 1445/95 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

L-awtoritajiet tal-pajjiżi esportaturi għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kampjuni tal-istampar tat-timbri użati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tagħhom u l-ismijiet u l-firem tal-persuni awtoriżżati li jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' awtentiċità. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Artikolu 8

1. Għall-importazzjoni magħmula fuq il-bażi ta' liċenzi ta' mportazzjoni maħruġa mill-1 ta' Lulju 1999 sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u fil-limiti tal-kwota annwali msemmija fl-Artikolu 1, id-differenza bejn id-dazji tad-dwana mħallsa u d-dazju msemmi fl-Artikolu 1(2) tkun rifuża fuq talba tal-operatur.

Mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 1999, l-applikazzjoni biex jiġu rifużi l-flus għandha ssir skond l-Artikoli 878 sa 898 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [1] u għandu jkun hemm magħha kopja taċ-ċertifikat imsemmi fl-Avviż lill-importaturi konness ma' l-importazzjoni ta' laħam imnixxef tal-annimali bovini [2].

2. Kopja tal-applikazzjoni biex jingħataw lura l-flus għandha tintbagħat mill-awtorità kompetenti nteressata lill-Kummissjoni [3] mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 1999.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 il-Kummissjoni għandha tiddeċidi malajr kemm jista' jkun wara l-1 ta' Diċembru 1999 sa fejn jistgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għar-rifużjonijiet. Fejn il-kwantitajiet li huma skond l-applikazzjonijiet jaqbżu l-kwota annwali msemmija fl-Artikolu 1(1), il-Kummissjoni għandha tiffissa tnaqqis perċentwali li jiġi applikat lil dawk l-ammonti.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Japplika mill-1 ta' Lulju 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Novembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
(2) ĠU C 266, tal-21.9.1999, p. 5.
(3) Agriculture DG, fax No (32-2) 295 36 13.

L-ANNESS I

<table>
<tr><td>1. Konsenjant (isem u indirizz sħaħ)</td><td>Certifikat Nru 0000

ORIĠINALI

PAJJIŻ LI QED JESPORTA</td></tr>
<tr><td>2. Konsenjatarju (Isem u indirizz sħaħ)</td><td>CERTIFIKAT TA` AWTENTICITA<br><br>għall-esportazzjoni għall-KE ta' laħam imnixxef mingħajr għadam ta` l-annimali bovini (applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2424/1999)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Noti
A. Dan Iċ-ċertifikat irid ikun ippreparat f'oriġinali u żewġ kopji
B. Dan Iċ-ċertifikat u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id; fil-każ tal-aħħart irid ikun miktub b'ittri kbar u bil-linka.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>3. Marki, numri, numru u natura tal-pakketti, tan-deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Subintestatura Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td>6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="4">7. Piż nett (bil-kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="4">8. Jiena ....., is-sottoskritt li qed naġixxi f'isem il-korp emittenti awtoriżżat (kaxxa 9) niċċertifika lli l-oġġetti deskritti hawn fuq jikkorrispondu eżattament mad-definizzjoni li hemm fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2424/1999 li jistipula regoli dettaljati ta' applikazzjoni għall-kwota tat-tarifffa ta' importazzjoni ta' ċanga imnixxfa mingħajr għadam li hemm provvdut għaliha fir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 2424/1999</td></tr>
<tr><td>9. Korp Emittenti awtorizzat</td><td colspan="3">Post ..... Data .....

(Timbru tal-Korp Emittenti)

..... (Firma)</td></tr>
</table>

L-ANNESS II

Lista ta'l-awtoritajiet fil-pajjiżi esportaturi awtoriżżati li joħorġu ċertifikat ta' awtentiċità

L-IŻVIZZERA:

— Uffiċċju vétérinaire fédéral

— Bundesamt für Veterinärwesen

— Ufficio federale di veterinaria